## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR KEITH SCERRI) V. ADEM DJOUAMBI (POL. 20B-033)

(SERQ AGGRAVAT BIL-VALUR U BIX-XORTA TAL-ĦAĠA MISRUQA – QLIGH B'QERQ – SERQ SEMPLIĊI – PROVA TA' KUNDANNI PREĊEDENTI META IKUN HEMM L-AMMISSJONI INKUNDIZZJONATA TAL-IMPUTAT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Adem Djouambi bin Abdlfatah u Flifla Amel, imwieled l-Alġerija fit-23 ta' Ġunju 1997 u residenti ġewwa 25, Ta Tina, Triq Santa Rita, Sliema, detentur tan-numru tal-Pulizija 20B-033 ("l-imputat") li ġie ppreżentat taħt arrest quddiemha illum stess mixli illi:

1. Nhar l-24 ta' April 2023, għall-ħabta ta' 07:00 ta filogħdu, min ġewwa Triq il-Qasam Pembroke, ikkometta serq ta' basket kontenenti, diversi karti ta kreditu, dokument ta identifikazzjoni, liċenzja tas-sewqan, kartiera, €200 fi flus kontanti u ċurkett, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Sean Cutajar u/jew persuni oħra
   ***Art. 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a), 280, 289 - Kap.9***

2. U aktar talli bejn il-ħinijiet ta' 07:30hrs u 09:00 ta' filogħdu, ta' nhar il-24 ta' April 2023, f'diversi inħawi ġewwa il-gżejjer Maltin, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' Sean Cutajar u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema ammont tal-ħsara magħmula huwa inqas minn ħames mitt euro (€500),
   ***Art. 308, 310 (1)(ċ) - Kap 9***

3. U aktar talli bejn il-ħinijiet ta' 07:30hrs u 09:00 ta' filogħdu, ta' nhar il-24 ta' April 2023, f'diversi inħawi ġewwa il-gżejjer Maltin bi ħsara ta' Sean Cutajar u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli tas-Sub Titolu III Titlu IX Tieni Taqsima l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ammont tal-ħsara magħmula huwa inqas minn ħames mitt euro (€500),
*Art. 309, 310 (1)(ċ) - Kap 9*

4. Iżjed talli fil-ġurnata tal-24 ta' April 2023, għall-ħabta ta' 17:00 ta' filgħaxija, min ġewwa l-istabiliment Goloso Food Store, situwat ġewwa Triq Birkirkara, San Giljan, ikkometta serq ta' mobile, liema serq jitqies li huwa sempliċi għad-detriment ta' Jan Pisani u/jew persuni oħra
*Art. 284 - Kap.9*

5. Kif wkoll talli fl-istess ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' Conditional Discharge, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., nhar it-22 ta' April 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula

6. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkustanzi, irrenda ruħu reċidiv ai terminu ta' l-Artikolu 49, u 289 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tinbidel

wara li rat li waqt is-seduta tal-lum meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

wara li rat illi l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

wara li rat illi fl-istess seduta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara li rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li rat li l-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni u għalhekk il-Qorti ordnat li l-kliem tat-tieni imputazzjoni jiġu kkanċellati miċ-ċitazzjoni u li l-bqija tal-imputazzjonijiet jiġu enumerati mill-ġdid,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Keith Scerri

- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Yanika Bugeja bħala avukat tal-għajnuna legali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija u salv il-paragrafi sussegwenti l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet li ammetta għalihom.

2. Il-Qorti qieset illi matul is-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ċ-ċurkett li ssir riferenza għalih fl-ewwel imputazzjoni huwa stmat li jiswa ċirka mitt euro (€ 100) filwaqt li l-mobile phone imsemmi fit-tielet (ġia r-raba') imputazzjoni huwa stmat li jiswa ċirka mija u tmenin euro (€ 180).

3. Fir-rigward tar-raba' (ġia l-ħames) imputazzjoni l-Qorti nonostante l-ammissjoni ma tistax issib ħtija għaliex is-sentenza ta' 22 ta' April 2023, li permezz tagħha l-imputat ingħata ordni ta' libertà kundizzjonata, ma ġietx esebita fl-atti u għalhekk il-Qorti ma tistax, nonostante l-istess ammissjoni, tkun f'posizzjoni li tikkunsidra li titratta mal-imputat għar-reati li ġie misjub ħati tagħhom f'dik is-sentenza.

4. Mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-ħames (ġia s-sitt) imputazzjoni ċioe l-addebitu tar-reċidiva għaliex hawnhekk il-Qorti tista' tistrieħ fuq l-ammissjoni tal-imputat nonostante illi l-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda sentenza fil-konfront tal-imputat. F'dan ir-rigward, solitament l-Prosekuzzjoni jkun jeħtiġilha tressaq minimament prova dwar il-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputat (*inter alia* permezz tal-esebizzjoni ta' vera kopja tas-sentenza/i in kwistjoni, prova dwar il-konnotati u prova dwar li s-sentenzi jkunu tabilħaqq għaddew in ġudikat). Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna l-fedina penali waħedha m'hijiex suffiċjenti sabiex tissodisfa din il-prova iżda tiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kkalibrata l-piena. F'dan il-każ però l-imputat ammetta b'mod inkundizzjonat l-imputazzjonijiet kollha li tressqu kontrih inkluż allura din l-imputazzjoni tar-reċidiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: **<u>'Il-Pulizija v. Timothy Joe Forace'</u>** (30/09/2021, App. Nru. 479/2017, Imħallef Aaron M. Bugeja) stqarret kif ġej:

> *"F'dan il-każ ukoll ma jirriżultax li l-appellant talab li jressaq xi provi partikolari. B'hekk meta l-appellant, tajjeb jew ħażin, għażel li jammetti għall-imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċidiva, huwa kien qiegħed joqgħod għall-ġudizzju li kienet obbligata tgħaddi fuqu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tagħtih il-piena skont il-Liġi fuq dak li jkun irriżultalha...*

> *... 23. Meta persuna tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluż l-addebitu tar-reċidiva, dik l-ammissjoni hija meqjusa bħala il-"prova reġina" fis-sens li l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva, huwa jkun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien ukoll, f'dak il-mument kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu tar-reċidiva kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti kontestati lilu skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu, huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi."*

5. Hekk ukoll irriteniet l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **'Il-Pulizija v. Sean Farrugia'** tal-20 ta' Novembru 2020 illi:

> *"Fir-rigward tal aggravju li l-ewwel Qorti ma messitx sabet lill-appellant hati tal-akkzua ta' recidiva jinghad li huwa veru li l-Qorti ma tistax issib pesuna hatja talli hu recidiv sempliciment a bazi tal-fedina penali tieghu pero' f'dan il-kaz mhux hekk gara. L-ewwel Qorti sabitu hati talli huwa recidiv a bazi tal-ammissjoni tieghu stess. Meta l-appellant irregistra ammissjoni kien fl-istess hin qed jezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tkompli tressaq il-provi taghha u f'dan il-kaz in vista tal-ammissjoni tal-appellant l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tesebixxi xi sentenzi li inghataw fil-konfront tieghu u dan ghaliex l-appellant kien gja ammetta dan il-fatt. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud."*

6. Fuq l-insenjament ta' dawn is-sentenzi u oħrajn bħalhom din il-Qorti għalhekk qed tqis illi għalkemm il-Prosekuzzjoni ma' ressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward (għajr għall-preżentata tal-fedina penali), l-imputazzjoni numru ħamsa (ġia sitta) hija meqjusa li tirriżulta fil-konfront tal-imputat bis-saħħa tal-ammissjoni tiegħu.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 49, Art. 50, Art. 261(c), 261(g), 267, 271(g), 279(a), 280, 284,289, 309, 310(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni, tiddikjarah ħati fuq ammissjoni tiegħu stess**

**tal-imputazzjonijiet l-oħra u b'applikazzjoni ta' żieda fil-grad stante l-addebitu tar-reċidiva, tikkundannah għall-piena karċerarja ta' sentejn. Inoltre ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9, il-Qorti qegħda tordna lill-ħati jħallas lill-partijiet offiżi s-segwenti ammonti: € 100 lil Sean Cutajar (KI. 377997M) u € 180 lil Jan Pisani (KI. 60085M), entro sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.**

V.G. Axiak
Maġistrat

Y. M. Pace
Dep. Reġistratur